MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 1341/2007

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta ta' l-identita' numru 258269 ittra "M", bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Guccio Gucci S.p.A.**

**vs.**

**Dr. Renzo Porsella-Flores u l-P.L. Luisa Tufignio li b'digriet tal-5 ta' Marzu 2008 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil STE SOLARADEL S.A.R.L.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat ta’ l-Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 258269 ittra “M”, bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Guccio Gucci S.p.A. datat 26 ta’ Dicembru 2007 a fol. 1 tal-process fejn espona: -

Illi s-socjeta’ attrici Guccio Gucci S.p.A., maghrufa sew madwar id-dinja nkluz f’Malta, *inter alia* in konnessjoni ma’ arloggi tal-idejn, hija proprjetarja ta’ diversi *trademarks* li jkopru dan in-negozju taghha u in konnessjoni ma’ l-istess negozju;

Illi b’hila u b’invenzjoni, kif ukoll b’hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta’ attrici kisbet reputazzjoni u avvjament enormi kemm fuq is-suq barrani u kif ukoll fuq is-suq lokali, in konnessjoni mat-*trademarks* taghha;

Illi fost ohrajn, is-socjeta’ attrici ghandha validament irregistrati bhala *Trademarks* Komunitarji (CTM) il-markji “GUCCI” (kelma, numru 000121988 b’effett mill-1 ta’ April tal-1996), “GUCCI” (figurattiva, numru 000121905 b’effett mill-1 ta’ April tal-1996), u “GUCCI” (figurattiva, numru 004107546, b’effett mit-3 ta’ Novembru 2004), u dan f’kull kaz *inter alia* dwar prodotti f’kategorija li fihom jaqghu prodotti konsistenti f’arloggi tal-idejn;

Illi *inoltri*, is-socjeta’ attrici ghandha rregistrati f’Malta b’effett mill-14 ta’ Ottubru tal-2002 it-*trademark* bin-numru ta’ registrazzjoni 37175 “GUCCI” (kelma) u 14944 “GUCCI” (figurattiva), u dan dwar arloggi tal-idejn fost ohrajn;

Illi s-socjeta’ attrici hija “detentrici ta’ dritt” u tinsab irregistrata mal-Kontrollur tad-Dwana ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi fosthom tal-Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) (**Kapitlu 414** ta’ l-Edizzjoni Riveduta ta’ l-Ligijiet ta’ Malta) u tal-*Council Regulation (EC) No 1383/2003 concerning customs action against goods suspected of infringing certain intellectual property rights and the measures to be taken against goods found to have infringed such rights*,

biex b'hekk *inter alia* tgawdi mill-protezzjoni moghtija fl-**artikoli 2 (1) (a), 4 u 8(1)** tal-istess **Kap. 414**, u fid-disposizzjonijiet rilevanti tal-**artikoli 1, 2 1.(a), 10, 16 u 17** tal-istess *Council Regulation (EC) No 1383/2003* fost ohrajn;

Illi recentement, waqt l-iskrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-**artikolu 4** tal-istess **Kap. 414 u fl-artikolu 1** tal-*Council Regulation (EC) No 1383/2003* hawn qabel imsemmija, il-Kontrollur tad-Dwana kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* UNIU 4031048 kontenenti *inter alia* arloggi tal-idejn li fihom sinjali "GUCCI" bhal dawk tas-socjeta' attrici prezentati b'mod prominenti, liema artikli waslu fil-Freeport Terminal tad-Dwana in transitu ghar-rilaxx eventwali favur *consignee* / importattrici ndikata fuq l-istess *bill of lading* bhala STE SOLARADEL S.A.R.L, u l-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta' attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti, sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta' intellettwali;

Illi s-socjeta' attrici giet mgharrfa bis-sejba fil-11 ta' Dicembru 2007 u, wara li ezaminat ritratti elettronici ta' kampjuni ta' dawn l-oggetti, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti kontrafatti li jikkontravvjenu d-drittijiet taghha dwar proprjeta' intellettwali;

Illi effettivament allura, l-arloggi tal-idejn ilkoll mertu ta' din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana ndika bhala wiehed u ghoxrin elf u tmenin (21,080) b'kollox, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici. Ghal dan il-kaz japplikaw ukoll *inter alia* u *oltre* d-disposizzjonijiet ta' ligi ndikati fil-paragrafu numru 5 ta' dan ir-rikors, id-disposizzjonijiet rilevanti tal-**artikolu 9 1. (a) u (b)** tal-*Council Regulation (EC) No. 40/94 on the Community trade mark*, kif ukoll id-disposizzjonijiet rilevanti tal-*artikoli 10, 14 sa 19 tal-Att tal-2000* dwar it-*Trademarks* (**Kap. 416**) u tar-regolament numru 9 tal-avviz legali 233 tal-2003;

Illi s-socjeta’ attrici nghatat id-dettalji tal-konvenuta mill-Kontrollur tad-Dwana, u gie lill-istess socjeta’ attrici prefiss terminu sas-27 ta’ Dicembru 2007 mill-hawn qabel imsemmi Kontrollur tad-Dwana sabiex tinghatalu l-prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili fil-konfront tal-konvenuta li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz;

Illi l-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f’arloggi tal-idejn, li lkoll jikkontjenu sinjali “GUCCI” u li jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita’ tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* UNIU 4031048 kontenenti l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ attrici;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti ’l hinn mill-kanali tal-kummerc b’dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta’ attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lill-, u ghas-spejjez ta’ – l-konvenuta;

3. Tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuta mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;

4. Tordna li l-konvenuta ghandha tbati l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti ghall-hazna qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport mil-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tad-distruzzjoni stess.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat il-lista tax-xhieda tar-rikorrenti u d-dokumenti annesi u mmarkati minn Dok. "A" sa Dok. "L" kif jidher minn fol. 3 sa fol. 38 tal-process.

Rat ir-rikors ta' l-Avukat Dr. Luigi A. Sansone *nomine* datat 26 ta' Dicembru 2007 a fol. 42 tal-process fejn is-socjeta' rikorrenti talbet in-nomina ta' kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-intimati STE SOLARADEL S.A.R.L. fl-atti tar-rikors fuq imsemmija u fl-atti l-ohra kollha relevanti u sussegwenti u tordna li bil-Bandu tigi notifikata l-imsemmija socjeta` STE SOLARADEL S.A.R.L. Il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Lino Farrugia Sacco nnomina lill-Avukat Dr. Renzo Porsella-Flores u lill-Prokuratur Legali Luisa Tufigno bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi, u dan bid-digriet moghti fil-5 ta' Marzu 2008 kif jidher a fol. 48 tal-process.

Rat in-nota tal-attur *nomine* datata 3 ta' Marzu 2008 fejn gew esebiti zewg dokumenti mmarkati bhala Dok. "LS 1" sa Dok. "LS 2".

Rat li dan ir-rikors guramentat gie appuntat ghas-smigh minn din il-Qorti kif attwalment presjeduta biex jinstema' fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2008, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura ta' l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat ir-risposta mahlufa tal-istess kuraturi deputati datata 14 ta' April 2008 fejn ecceppew:-

(1) Illi huma ma jafu xejn dwar il-fatti tal-kawza izda ser jaghmlu l-almu taghhom biex jaqbdu mas-socjeta` intimata li ghaliha nhatru biex jidhru biex jigbru t-taghrif mehtieg, u l-kawza tkun kontestata kif imiss.

Rat il-lista tax-xhieda tal-intimati a fol. 54 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Mejju 2008 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Luigi Sansone bhala attur u Dr. Renzo Porsella-Flores bhala kuratur. Dr. Sansone ddikjara li fi zmien gimgha minn dan il-verbal se jipprezenta nota b'affidavit u dokumenti kollha relattivi bil-*visto* tal-kuratur prezenti. Dr. Porsella-Flores jiddikjara li ta istruzzjonijiet biex jiktbu lid-ditta estera u s'issa ghadu ma rcieva ebda risposta. Id-difensuri qablu illi l-kawza tibqa' ghas-sentenza ghad-29 ta' Mejju 2008.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fil-container UNIU 4031048 kien hemm wiehed u ghoxrin elf u tmenin (21,080) arlogg tal-idejn bis-sinjal "GUCCI" li l-Kontrollur tad-Dwana (affidavit ta' George Agius – Dok. "J") ssuspetta li kienu kontrafetti u b'hekk li jikkontravjenu d-drittijiet dwar proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici fuq l-istess marka, sinjal u kelma prottetti taht il-ligijiet indikati fl-azzjoni attrici, u fejn irrizulta mill-ezamijiet li saru mis-socjeta' attrici (Dok. "H" u "I") li effettivament l-oggetti tal-vertenza odjerna huma fil-fatt foloz u ghalhekk ma hemm ebda dubju li t-talbiet attrici ghandhom u qed jigu milqguha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' l-istess, **tilqa' t-talbiet attrici fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'wiehed u ghoxrin elf u tmenin (21,080) arlogg tal-idejn bis-sinjal "GUCCI"

mertu tal-kawza odjerna u li jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* UNIU 4031048 kontenenti l-imsemmija oggetti, jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta' attrici b'dan li tordna lill-istess Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' ghoxrin (20) gurnata mid-data ta' din is-sentenza huwa jiddistruggi l-istess oggetti mertu tal-kawza odjerna, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-, u ghas-spejjez tal-entita' konvenuta;

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuta mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni u dan billi kif inghad tali oggetti jigu distrutti fi zmien indikat fit-tieni domanda ta' din l-azzjoni a spejjez tal-istess entita' konvenuta;

4. Tordna li l-entita' konvenuta ghandha tbati l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti ghall-hazna qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport mil-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tad-distruzzjoni stess.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------